MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2012

Citazzjoni Numru. 316/2004

**Starshine Enterprises Limited**

**Vs**

**Chairman tal-Awtorita Maltija ghat-Turizmu, Kummissarju tal-Pulizija u Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sahha.**

**<u>Citazzjoni</u>**.

Permezz ta' citazzjoni prezentata fl-4 ta' Mejju 2004 l-attrici ppremettiet li:-

Ghamlet zmien twil tiggestixxi night club bl-isem ta' Mango fil-lokalita ta' Paceville;

Applikat mal-konvenuti sabiex jinhargu l-permessi relattivi sabiex tkun tista' tindaqq muzika f'dan in nightclub bhal f'nightclubs ohra f'Paceville;

Minkejja li s-socjeta attrici applikat ghal dawn il-permessi, hija baqghet ma hadet l-ebda tip ta' twegiba u ghalhekk in-night club Mango baqa' mhux kopert mill-permessi mehtiega;

Fil-vicinanzi tan-night club Mango gestit mill-attrici hemm nightclubs ohra simili ghal dawk tas-socjeta attrici li pero kienu koperti mill-permessi kollha relattivi u wkoll nightclubs ohra li ma kienux koperti permessi u li xorta wahda kienu joperaw bla xkiel;

Ir-rapprezentanti tal-Kummissarju tal-Pulizija waqt ir-ronda taghhom f'Paceville kienu jwaqqfu lir-rapprezentanti tas-socjeta attrici milli jdoqqu muzika fin-nightclub Mango filwaqt li kienu jippermettu u ma kienux jintervjenu biex iwwaqfu muzika f'nightclubs ohra mhux koperti bl-istess permessi;

Il-permessi relattivi mitluba mis-socjeta attrici ghan-nightclub Mango ma nhargux minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Dan l-agir abbuziv u illegali da parti tal-konvenuti ikkawza diversi danni ingenti lis-socjeta attrici;

Il-konvenuti minkejja li interpellati biex jersqu ghall-likwidazzjoni tad-danni sofferti mis-socjeta attrici baqghu inadempjenti;

Ighidu ghalhekk il-konvenuti il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti ma hargux il-permessi relattivi lis-socjeta attrici biex tiggestixxi n-nightclub 'Mango' f'Paceville minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

2. Tiddikjara li l-konvenuti ikkagunaw danni ingenti versu s-socjeta attrici bl-agir abuziv u illegali taghhom fin-nuqqas ta' hrug tal-permessi relattivi;
3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici bl-opera ta' Periti nominandi jekk ikun hemm il-htiega ;
4. Tordna lill-konvenuti solidament bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta attrici dik is-somma li tigi talvolta likwidata bhala danni fi zmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad- 9 ta' Marzu 2004 u l-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti minn issa ingunti in subizzjoni.

**Nota ta' eccezzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija[1].**

1. Preliminarjament in-nullita tac-citazzjoni minhabba li l-esponent ma giex interpellat b'att gudizzjarju ai termini tal-artikolu 460 tal-Kap 12.
2. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante n-nuqqas ta' xi data partikolari li tinkwadra l-allegazzjonijiet fic-citazzjoni f'perjodu partikolari, is-socjeta' attrici ghandha tispecifika b'mod car id-diversi dati li fihom l-allegati fatti, biex hekk l-esponent ikun jista' jiddefendi ruhu adegwatament.
3. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante li dan in-night club bl-isem ta' 'Mango' fil-passat kien gie gestit min-nies ohrajn u mhux mis-socjeta' attrici, tezisti l-possibilita' li l-attur m'ghandux interess guridiku f'din il-kawza, peress li jista' jaghti l-kaz li l-fatti allegati fic-citazzjoni graw fi zmien meta ma kinitx tiggestixxi l-post is-socjeta' attrici. Dan naturalment hu marbut ma' dak li inghad fit-tieni eccezzjoni tal-esponent.
4. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu din hija kawza judicial review, jista' jaghti l-kaz li din il-kawza hija perenta bit-terminu tas-sitt xhur ai termini tal-artiklu 469A(3) tal-Kap 12. Dan ukoll jiddependi minn dak imsemmi fit-tieni eccezzjoni tal-esponent.

[1] Prezentata fl-1 ta' Ottubru 2004 (fol. 17).

5. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici ghandha tindika l-indirizz taghha fuq ic-citazzjoni.

6. Fil-mertu l-allegazzjonijiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontriha stante li l-esponent agixxa skond il-ligi u ghalhekk ma jwegibx ghal danni.

7. Illi mhux minnu li dan l-istabbiliment qatt ma nghata licenzja ghaliex, kif tammetti s-socjeta' attrici stess, kien hemm zmien fejn il-pulizija waqqfet lil dan l-istabbilment milli jdoqq muzika f'certi hinijiet jew b'certu mod, u dan fih innifsu jfisser li l-stabbiliment kien kopert b'licenzja izda kienu qed jinkisru l-kundizzjonijiet taghha. Li kieku l-istabbiliment ma kellux licenzja, kieku l-pulizija kienet tghaddi biex tghalqu u mhux biss twaqqfu milli jdoqq il-muzika b'dak il-mod.

Jinghad ukoll illi kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz, ghal diversi drabi, il-persuna li halfet id-dikjarazzjoni f'din ic-citazzjoni tressqet il-qorti a bazi ta' dan il-ksur u kull darba nstabet hatja.

8. Illi fi kwalunkwe kaz, ma tista' tintlaqa' l-ebda talba ghal danni qabel ma jkun ippruvat li l-awtorita' pubblika agixxiet in mala fede jew b'mod mhux ragonevoli u dan ai termini tal-artiklu 469A (5) tal-Kap 12.

**<u>Nota ta' Eccezzjonijiet tad-Direttur Generali tad-Divizjoni tas-Sahha[2].</u>**

1. Preliminarjament l-irricevibilita' tac-citazzjoni stante n-nuqqas ta' interpellazzjoni lill-esponent b'att gudizzjarju ai termini tal-artiklu 460 tal-Kap 12.

2. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante n-nuqqas ta' xi data partikolari li tinkwadra l-allegazzjonijiet fic-citazzjoni f'perjodu partikolari, is-socjeta' attrici ghandha tispecifika b'mod car id-diversi dati li fihom graw l-allegati fatti, biex hekk l-esponent ikun jista' jiddefendi ruhu adegwatament.

3. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante li dan in-night club bl-isem ta' 'Mango' fil-

---

[2] Prezentata fl-1 ta' Novembru 2005 - fol. 21.

passat kien gestit min-nies ohrajn u mhux mis-socjeta' attrici, tezisti l-possibilita' li l-attur m'ghandux interess guridiku f'din il-kawza, peress li jista' jaghti l-kaz li l-fatti allegati fic-citazzjoni graw fi zmien meta ma kinitx tiggestixxi l-post is-socjeta' attrici. Dan naturalment hu marbut ma' dak li inghad fit-tieni eccezzjoni tal-esponent.

4. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu din hija kawza ghal judicial review, jista' jaghti l-kaz li din il-kawza hija perenta bit-terminu tas-sitt xhur ai termini tal-artiklu 469A(3) tal-Kap 12. Dan ukoll jiddependi minn dak imsemmi fit-tieni eccezzjoni tal-esponent.

5. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu l-attur mhux qed jallega ebda fatt li hu relatat mal-harsien tas-sahha u tal-igene, l-esponent mhux legittimu kuntradittur f'din il-kawza u ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

6. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici ghandha tindika l-indirizz taghha fuq ic-citazzjoni.

7. Fil-mertu l-allegazzjonijiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontriha stante li l-esponent agixxa skond il-ligi u ghalhekk ma jwegibx ghal danni.

8. Illi fi kwalunkwe kaz, ma tista' tintlaqa' l-ebda talba ghal danni qabel ma jkun ippruvat li l-awtorita' pubblika agixxiet in mala fede jew b'mod mhux ragonevoli u dan ai termini tal-artiklu 469A (5) tal- Kap 12.

**<u>Nota ta' eccezzjonijiet tac-Chairman, Awtorita' tat-Turizmu[3]</u>.**

1. Preliminarjament, l-Awtorita' konvenuta qatt ma giet mitluba tohrog permess kif indikat fic-citazzjoni mill-kumpannija konvenuta.

2. Minghajr pregudizzju, l-Awtorita' esponenti saret responsabbli mill-hrug tal-permessi soggett ta' din il-kawza mill-1 ta' Jannar, 2005, data li minnha ha effett l-AL 175 tal- 2004, u ghalhekk ma tista' tkun responsabbli ghal

[3] Prezentata fil-25 ta' Ottubru 2005 – fol. 26.

ebda danni kif mitlub fic-citazzjoni , li giet prezentata qabel il-jum indikat;
3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, minn affidavit tat-30 ta’ Jannar, 2004, u iehor fl-10 ta’ Frar, 2005, jirrizulta li l-post kien maghluq mis-sena 2003 ‘l quddiem b’ghazla tal-gesturi tal-fond, li sahansitra talbu li l-licenzja tigi sospiza.

**Konsiderazzjonijiet**.

Din il-kawza titratta dwar fond li kien jismu Mango gewwa Paceville. L-ilment tal-attrici hu li ghalkemm kienet applikat biex jinhareg permess ghad-daqq ta’ muzika, ma hadet l-ebda twegiba minghand l-awtoritajiet. Tilmenta wkoll li vicin dan il-fond hemm postijiet ohra li kienu koperti minn permessi u ohrajn mhux koperti b’permessi izda xorta kienu qeghdin joperaw minghajr ebda xkiel, u l-pulizija kienet qeghda twaqqaf id-daqq ta’ muzika fil-fond Mango u mhux fi stabbilimenti fl-istess akwata. Issostni wkoll li l-permessi ma nhargux minghajr ebda raguni valida.

Fl-ewwel lok il-qorti ser tikkunsidra l-eccezzjonijiet preliminari:-

i. **Artikolu 460 tal-Kap. 12**[4]:- Din l-eccezzjoni hi bla bazi. Fil-fatt jirrizulta li fit-18 ta’ Ottubru 2002 l-attrici kienet ipprezentat protest gudizzjarju fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Awtorita konvenuta. Sussegwentement fid-9 ta’ Marzu 2004 ipprezentat ittra ufficjali kontra l-konvenuti kollha u nterpellathom jersqu ghal likwidazzjoni tad-danni minhabba li ma kienx hareg permess fir-rigward tal-istabbiliment Mango’s. Hu minnu li fl-ittra ufficjali m’hemmx riferenza ghal x’permessi kienet qeghda tirreferi ghalihom l-attrici, izda r-raguni tghidlek li dan kien il-permess biex tkun tista’ topera nightclub mill-

[4] *"Ebda att gudizzjarju li bih jinbdew xi procedimenti ma jista’ jigi pprezentat, u ebda procedimenti ma jistghu jittiehdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista’ jigi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità ufficjali taghha, hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta’ ittra ufficjali jew ta’ protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b’mod car."*.

fond. Wara kollox dik kienet it-talba li l-attrici ghamlet permezz tal-ittra datata 25 ta' Settembru 2002 mibghuta lill-Awtorita konvenuta.

ii. **<u>Nuqqas ta' indikazzjoni ta' dati</u>**: Fir-realta m'hemmx x'jinghad dwar din l-eccezzjoni ghaliex il-fatti rrizultaw mill-provi.

iii. **<u>Interess Guridiku</u>**: Mill-provi hu altru milli evidenti li l-agir li minnu qeghda tilmenta l-attrici sehh fiz-zmien li kienet qeghda topera l-istabbiliment Mango's. Hi ssostni li l-fatt li ma nharigx il-permess li kienet talbet, wassal sabiex sofriet danni. Dan hu l-ghan ta' dawn il-proceduri.

iv. **<u>L-azzjoni hi perenta skond l-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12</u>**: Minn qari tac-citazzjoni l-qorti m'hijiex tal-fehma li l-azzjoni hi mfassla fuq l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 li jipprovdi ghal stharreg ta' eghmil amministrattiv, li hu deskritt bhala *"il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita' pubblika....."*. L-attrici m'hijiex tilmenta li kien hemm *"rifjut"* ghat-talba li ghamlet biex tinghata licenzja tal-kummerc ghal nightclub, b'applikazzjoni tal-proviso tal-Artikolu 469A(2) tal-Kap. 12[5]. L-ilment tal-attrici hu limitat ghal fatt li ma nhargitx licenzja u xejn iktar. Fil-fatt fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici[6] jinghad: *"Illi fi ftit kliem il-kawza iddur ma serje ta' eventi li wasslu sabiex l-awtoritajiet koncernati, **<u>idumu ma johorgu licenzja lis-socjeta esponenti</u>** sabiex tkun tista topera disco mill-Mango Salsa Bar minghajr raguni valida fil-ligi u anqas fil-logika......"*. M'hemmx dubju li kieku l-kawza saret a bazi tal-Artikolu 469(A), l-azzjoni kienet tkun perenta peress li s-sitt xhur kienu jibdew jiddekorru wara li ghaddew ix-xahrejn minn meta l-Awtorita kompetenti rceviet t-talba ghall-hrug ta' licenzja ghal

[5] *"Izda, hlief f'dawk il-kazijiet fejn il-ligi tistabbilixxi perijodu li fih awtorità pubblika tenhtieg taghti decizjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tigi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma taghtix decizjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas ghandu, wara xahrejn minn dik in notifika, jikkostitwixxi rifjut ghall-finijiet ta' din it-tifsira."*.

[6] Prezentata fl-24 ta' Jannar 2012.

nightclub li saret permezz ta' ittra datata 25 ta Settembru 2002[7], u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 469A(2) tal-Kap. 12.

v. **Nuqqas ta' ndikazzjoni tal-indirizz tas-socjeta attrici** – eccezzjoni li l-qorti tiddeskrivi bhala irrilevanti u m'hemmx htiega li tinghata decizjoni dwarha.

Fil-meritu, jibda biex jinghad li mill-provi ma jirrizultax li l-attrici ghamlet xi applikazzjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija biex fil-bar tindaqq il-muzika[8]. Ghalhekk ma tistax tilmenta li dan il-konvenut naqas milli jaghti permess minghajr raguni valida. Inoltre mill-atti m'hemm l-ebda hjiel ta' prova tal-allegata diskriminazzjoni fil-konfront tal-attrici. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attrici ssostni li s-Supretendent li dak iz-zmien kien jahdem fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan kien qieghed *"....jaghmel minn kollox biex jaghlaq dan l-istabbiliment filwaqt li ma jaghtix kas stabbilimenti ohra li kienu fl-istess sitwazzjoni tal-bar tas-socjeta esponenti."*. M'hemmx dubju li l-attrici kienet qeghda twettaq illegalita' bid-daqq ta' muzika meta ma kellix permess. Ghalhekk ma tistax tilmenta mill-fatt li l-pulizija kienu qeghdin iwaqqfu d-daqq ta' muzika. Mill-atti jirrizulta li:-

i. Kienu qeghdin isiru rapporti li fl-istabbiliment Mango's qeghda tindaqq muzika tghajjat li tinstema' minn barra. Fl-atti hemm rapporti tal-pulizija datati 30 ta' Jannar 2003, 24 ta' Marzu 2003, 2 ta' April 2003 li jikkonfermaw dan il-fatt.

ii. Ittiehdu proceduri kriminali kontra Salvino Bugeja, direttur tal-attrici, minhabba d-daqq ta' muzika minghajr permess. F'wiehed mill-kazijiet gie akkuzat talli fl-14 ta' Gunju 2003 ghal habta ta' 12.20 ta' filghodu *"....bhala persuna li f'ismek ghandek il-licenzja tal-hanut*

---

[7] Mill-file tal-Awtorita jidher li rceviet it-talba fl-ahhar jiem ta' Settembru 2002.

[8] Ara regolament 22 tal-Ligi Sussidjarja 10.09 (Avviz Legali 31 tal-2002 *Shops for the Sale of Wine, Beer or Spiritous Liquors (Licences, Good Order and Public Decorum) (Amendment) Regulations, 2002*, pubblikata fil-gazzetta tal-gvern numru 17,193 fl-1 ta' Frar 2002. Regolament numru 22 jaqra:- *"(1) No person holding a license shall permit in his premises the playing of musical instrument or the replay of any music recorded by any means whatsoever, or the amplification of any such music by any electronic, electrical or other means, without the permission of the Police."*.

*ta' l-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem ta' Mangos li jinsab fi Triq Wilga, Paceville, San Giljan daqqejt jew ippermettejt li tindaqq muzika fl-imsemmi hanut minghajr licenzja ta' l-awtorita kompetenti."*. Jirrizulta li Bugeja ammetta l-akkuza[9].

Ghalhekk m'hemmx dubju li Bugeja kiser il-ligi bid-daqq ta' muzika fil-bar, meta ma kienx licenzjat. F'dan ix-xenarju wiehed ma jistax jilmenta minn diskriminazzjoni. F'kull kaz ma tressqet l-ebda prova sodisfacenti li b'xi mod tista' tikkonvinci lill-qorti li l-pulizija kienet qeghda twettaq xi preferenzi bejn is-sidien tal-istabbilimenti. Certament li qorti ma tistax tibbaza decizjoni fuq semplici allegazzjonijiet.

Fir-rigward tal-konvenut Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sahha, il-qorti ma fehmitx x'inhu l-ilment fil-konfront tieghu gialadarba ma kien bl-ebda mod involut fil-hrug ta' permess ghall-uzu tal-fond bhala *nightclub*. M'hemmx dubju li dan il-konvenut m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk gie mharrek inutilment.

Mill-atti jirrizulta:-

i. Fis-6 ta' Settembru 2001 kien iffirmat *Management Agreement* bejn Kas Company Limited u Starshine Entertainment Limited, li bih Starshine inghatat it-tmexxija ta' *"...first floor bar and restaurant overlying the part of the complex forming part of the D'Amici Bar & Restaurant complex"*.

ii. Fit-13 ta' Awwissu 2002 l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kienet harget permess lil Saviour Bugeja[10] sabiex:-
*"1) Addition of wooden & iron stairs to facade of existing premises*
*2) To add amplified music & dance floor to existing trading licence. Application includes extension of time until 4.00 a.m."*. Fl-istess permess jinghad: *"Sound levels shall be*

[9] Fol. 52.
[10] Applikazzjoni PA 05810/01.

*maintained as per noise assessment report (approved document in PA 5810/01/35).”*.
Il-permess inghata soggett ghal *Trading Licence Approval*.
iii. Saviour Bugeja kien applika mal-Malta Tourism Authority biex jinghata permess ghal Bar bl-isem ta’ Mango Salsa Bar. Id-data li hemm fl-applikazzjoni hi 20 ta’ Awwissu 2002. Fl-applikazzjoni tissemma l-kumpannija attrici, ghalkemm jidher li l-licenzja nharget f’isem Saviour Bugeja.
iv. Permezz ta’ ittra datata 19 ta’ Settembru 2002, Saviour Bugeja gie nfurmat mill-Malta Tourism Authority li kien qieghed jinghata permess ghal bar. Fl-ittra jinghad ukoll: *“It is made clear that this approval refers to the operation of the bar only and does not include the playing of amplified music and use of premises as a disco night club.”*.
v. Permezz ta’ ittra datata 25 ta’ Settembru 2002 Saviour Bugeja talab lill-istess Awtorita biex tatih licenzja biex il-fond jintuza bhala *nightclub* skond il-permess tal-Awtorita tal-Ippjanar.
vi. Wara li f’Settembru 2002 intbaghatet ittra legali lill-Awtorita fejn Bugeja ilmenta li ma kienx inghata permess biex idoqq muzika amplifikata, b’ittra datata 30 ta’ Settembru 2002 l-Awtorita infurmatu li *“As things stand at the moment, Mr Bugeja’s application of 25 September 2002 for a disco licence is being processed in the normal manner, along with similar others, and will be subject to criteria being formulated by this Authority in consultation with MEPA.”*.
vii. Jirrizulta li fil-perjodu bejn l-10 ta’ Ottubru 2002 u 14 ta’ Gunju 2003 il-pulizija kienet qeghda tiehu proceduri kriminali kontra Salvinu Bugeja talli daqq muzika fil-fond Mangos, Triq Wilga, Paceville, ***“minghajr licenzja ta’ l-awtorita kompetenti.”***[11].
viii. Permezz ta’ dikjarazzjoni ffirmata minn Saviour Bugeja u Robert Bugeja, datata 30 ta’ Jannar 2004, iddikjaraw: *“This is to certify that the premises registered by the name Mango’s at Wilga Street, Paceville, St. Julian’s, has been closed during the year 2003 to date as*

[11] Fil-process hemm 11 il-komparixxi li jirreferu ghal dati differenti (fol. 42-52).

*a bar and therefore the suspension of the license is requested. The renewal of the license will be requested when premises is reactivated”*.

ix. Jirrizulta wkoll li l-Awtorita rceviet applikazzjoni ghal *Change of Licensee* minghand Saviour Bugeja, datata 17 ta’ Marzu 2005. Il-licensee l-gdida hi ndikata bhala Olga Agapova. Din il-persuna kienet l-istess persuna li ffirmat il-Management Agreement tas-6 ta’ Settembru 2001 ghan-nom ta’ Kays Company Ltd. Dan jaghti lill-qorti x’tifhem li l-attrici tterminat il-Management Agreement[12].

x. Kien biss permezz ta’ ittra datata 12 ta’ Lulju 2005 li jirrizulta li l-Awtorita konvenuta talbet lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghti l-opinjoni tieghu dwar it-talba biex tindaqq muzika amplifikata fuq bazi regolari min-numru ta’ postijiet kummerjcali, fosthom il-fond in kwistjoni.

L-attrici ma pprezentatx il-licenzja tal-kummerc li kien hemm fir-rigward tal-fond oggett ta’ dawn il-proceduri. Madankollu fl-iskrittura privata tas-6 ta’ Settembru 2001 jinghad li l-fond hu *“bar and restaurant”*, ghalkemm Starshine Entertainment Limited[13] inghatat il-jedd li tuza l-fond bhala nightclub jekk tottjeni licenzja ghal dan il-ghan.

M’huwiex daqstant car jekk fil-perjodu bejn l-2002 u l-2003 l-Awtorita konvenuta kenitx dik responsabbli sabiex fi stabbiliment tindaqq il-muzika. Qieghed jinghad hekk ghaliex:-

i. Joseph Lanzon li xehed fis-seduta tas-26 ta’ Novembru 2010 u ddikjara li qieghed jixhed bhala rapprezentant tal-Awtorita, qal: *“L-Awtorita ma kenitx harget licenzji godda ghall-amplified music hlief dawk li kellhom diga’ licenzja mal-Pulizija u giet renewed.* ***L-Awtorita saret l-awtorita responsabbli ghall-hrug ta’ dawn il-licenzji mill-bidu tal-2002****. Id-direttur tieghi tani struzzjonijiet biex ma jinhargux licenzji godda ta’ amplified*

[12] Ara klawzola numru 4 tal-ftehim.
[13] Mill-provi m’huwiex car jekk din hijiex il-kumpannija attrici.

*music peress li kien hemm diskussjonijiet ghaddejjin dwar ir-regolament u kundizzjonijiet”*.

ii. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet l-Awtorita qeghda ssostni li *“..... l-Awtorita esponenti saret responsabbli ghall-licenzjar tal-muzika amplifikata meta hareg l-Avviz Legali 175 tal-2004. L-Avviz Legali in kwistjoni dahal in vigore fl-1 ta’ Jannar 2005.”*.

Fl-ebda stadju l-Awtorita konvenuta ma nfurmat lill-applikant li m’hijiex l-Awtorita kompetenti li taghti l-permess ghad-daqq ta’ muzika amplifikata. Jidher li l-argument tal-Awtorita jista’ jregi fil-kaz ta’ bar, fis-sens li qabel dahal fis-sehh l-Avviz Legali 175 tal-2004 ma jidhirx li kien hemm xi ligi li tipprovdi li permess ghad-daqq ta’ muzika kellu jinghata mill-Awtorita konvenuta. Ghalhekk jidher li sa dak iz-zmien l-Awtorita ma kenitx dik li kellha taghti permess ghad-daqq ta’ muzika f’bar. Madankollu fil-fehma tal-qorti l-argument ma jregix fil-kaz ta’ *nightclub*. Permezz tal-Avviz Legali 102 tal-2002 (*Trading License Regulations*)[14] il-hrug tal-licenzji ghal *night-clubs*, diskoteki u postijiet ohra ta’ zfin inghata f’idejn l-Awtorita konvenuta (Regolament 4)[15]. B’dan li l-istess regolamenti jipprovdu li l-estensjoni tal-hinijiet tal-ftuh kienet decizjoni li kellha tittiehed mill-Ministru responsabbli ghall-Kummerc (Regolament 36)[16]. Il-qorti tifhem li l-ghoti ta’ *trading license* sabiex persuna topera *nightclub* jew diskoteka, tinkludi d-dritt li ddoqq muzika amplifikata. Ma jistax ikollok stabbiliment ta’ din ix-xorta minghajr daqq ta’ muzika amplifikata. Wiehed ghalhekk jifhem li meta l-Awtorita nghatat id-dmir li tircievi, tipprocessa u taghti licenzji tal-kummerc ghal dawn it-tip ta’ stabbilimenti, jkollha taghti permess biex tindaqq il-muzika. Fatt li gie ikkonfermat ukoll meta fl-1 ta’ Jannar 2005 dahal fis-sehh l-Avviz Legali 175 tal-2004[17] *Regolamenti ta’ l-2004 dwar*

---

[14] Dahlu fis-sehh fit-2 ta’ Mejju 2002. Dan l-Avviz Legali gie sostitwit bl-Avviz Legali 1 tal-2006.

[15] Ara wkoll Artikolu 3 tat-*Trading Licenses Act* (Kap. 441).

[16] Skond dawn ir-regolamenti: *"Catering establishment as defined in the Malta Travel and Tourism Services Act, 1999 night-clubs, discotheques and other premises where dancing is held and an entrance fee is normally charged, may be kept open on any day up to 1.00 a.m.”*.

[17] Ara d-definizzjoni ta’ nightclub li hemm f’dan l-avviz legali.

*Stabbilimenti li Jipprovdu l-Ikel*[18]. Regolament numru 12 jipprovdi ghad-daqq ta' *"muzika tghajjat, strumenti tal-muzika u, jew l-uzu ta' loud speakers u, jew amplifikazzjoni"*:-

*"(3) L-Awtorita ghandha tohrog permess ghad-daqq ta' muzika tghajjat, l-uzu ta' strumenti muzikali u, jew l-uzu ta' loud speakers u, jew amplifikazzjoni, sakemm –*
*(a) l-istabbiliment ikollu licenzja mill-Awtorita;*
*(b) id-daqq ta' muzika tghajjat f'dik il-lokalita u f'dik il-kategorija, ikunu konformi ma' gwidi tat-turizmu stabbilit;*
(c) *l-applikant jipprezenta ghas-sodisfazzjon ta' l-Awtorita d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni indikati fil-formola ta' l-applikazzjoni."*[19].

Mill-atti jirrizulta li sakemm l-attrici ddecidiet li taghlaq in-negozju, l-Awtorita kienet ghadha ma haditx decizjoni dwar it-talba tal-attrici sabiex tinghata licenzja ghal nightclub. Wara kollox dik kienet it-talba li ghamlet l-attrici permezz tal-ittra datata 25 ta' Settembru 2002 mibghuta minn Saviour Bugeja lill-Awtorita konventua. F'dokument li hemm fil-file tal-Awtorita[20] datat 20 ta' Awwissu 2003 iffirmat minn J. Lanzon, jinghad:-

*"The issue of such a license would be considered by MTA when the appropriate criteria, now in its final stages, has been established."*.

Jidher li l-ilment li jista' l-iktar ikollha l-attrici fil-konfront ta' l-Awtorita konvenuta hu d-dewmien sabiex tipprocessa l-applikazzjoni ghall-ghoti ta' licenza ghal nightclub. Mid-dokument mahrug mill-Awtorita fit-23 ta' Awwissu 2002[21] hu evidenti li l-Awtorita kienet qeghda tipprocessa l-applikazzjoni ghal bar. Wara kollox dik kienet l-applikazzjoni li pprezentat l-attrici fejn fil-parti *"Description of Proposed Development"*, tnizzel *"BAR"*. Licenzja li

[18] Minn qari ta' dan l-Avviz Legali hu evidenti li japplika wkoll ghal *nightclub*.
[19] L-Avviz Legali numru 1 tal-2006 ipprovda wkoll ghall-procedura li trid tigi segwita ghall-estensjoni tal-hinijiet ghal stabbilimenti tal-catering (Regolament 38).
[20] Intestat bhala *Position Paper*.
[21] *Tourism Policy Compliance Certificate*.

nghatat fid-19 ta' Settembru 2002, u ghalhekk fi zmien qasir hafna minn meta saret l-applikazzjoni. Kien f'dak ix-xahar stess li l-attrici talbet il-hrug ta' licenzja ghal nightclub. Jirrizulta li kien ghan-nofs tas-sena 2003 li d-diretturi tal-attrici ddecidew li jaghlqu n-negozju. Saviour Bugeja xehed li kien baghat ghalih is-Supretendent Patrick Spiteri u *"...kien infurmana li jekk ha ndoqqu anki l-icken ammont ta' muzika kien se jmexxi kontrina u jarrestana.....Jien u l-mara bzajna mit-theddid ta' arrest u iddecidejna li naghlqu l-bar u ftahna l-kawza."*[22]. Jidher li f'dak l-istadju l-attrici tilfet l-interess fl-applikazzjoni tant li permezz ta' ittra datata 30 ta' Jannar 2004 infurmat lill-Awtorita li l-istabbiliment kien inghalaq matul l-2003 u talbet is-sospensjoni tal-licenzja ta' bar.

*"Maladaministration may be described as 'administrative action (or inaction) based on or influenced by improper considerations or conduct. Arbitrarirness, malice or bias, including discrimination, are examples of improper considerations. Neglect,* ***unjustifiable delay***[23]*, failure to observe relevant rules and procedures, failure to take relevant consideratinos into account, failure to establish or review procedures where there is a duty or obligation on a body to do so, are examples of improper conduct."*[24].

Jidher li l-Awtorita konvenuta inqabdet mhux preparata meta nghatat l-inkarigu biex taghti l-licenzji lill-operaturi ghal *nightclubs*. Il-qorti tistqarr li l-ittra datata 12 ta' Lulju 2005 mibghuta lill-Kummissarju tal-Pulizija ma tantx tirrifletti tajjeb fuq l-Awtorita. Ma nghatat l-ebda raguni ghalfejn kien biss wara dak iz-zmien kollu li baghatet avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija u talbitu l-fehma tieghu dwar it-talba biex tindaqq muzika amplifikata f'numru ta' stabbilimenti f'Paceville, fosthom il-fond in kwistjoni. Ovvjament m'huwiex il-kompitu tal-qorti li tiddeciedi jekk l-attrici kellix tinghata l-licenzja ghal nightclub u m'ghandha l-ebda taghrif dwar x'jinvolvi, amministrattivament, il-process ghall-ghoti ta' licenzja simili. Ghalkemm Saviour Bugeja inghata permess ta' zvilupp mill-Awtorita tal-

---

[22] Fol. 65.
[23] Enfazi tal-Qorti.
[24] *Maladminisration and its Remedies* K.C.Wheare, (Stevens & Sons, 1973) pagna 11.

Ippjanar ghal nightclub, dan ma jfissirx li awtomatikament kellha tinghata l-licenzja mill-Awtorita konvenuta. Jidher li f'dak iz-zmien li saret l-applikazzjoni ghall-hrug ta' permess ta' zvilupp, ma kienx mehtieg li l-Awtorita tal-Ippjanar tinnotifika lis-Sezzjoni tal-Licenzji u/jew l-Awtorita konvenuta[25].

Il-qorti diga' esprimiet il-fehma li l-azzjoni ma gietx imfassla fuq l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, fejn il-qrati ghandhom gurisdizzjoni sabiex:-

*".....jistharrgu l-validita' ta' xi eghmil amminisrattiv jew li ddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett."*.

Jidher ghalhekk li dan il-provvediment ma japplikax ghal dan il-kaz, fejn l-attrici qeghda tilmenta mill-fatt li ma nghatat *"....l-ebda tip ta' twegiba* (dwar l-applikazzjoni) *u ghalhekk in-nightclub Mango baqa' mhux kopert mill-permessi mehtiega."*[26].

Min-naha l-ohra Awtorita governattiva ghandha twiegeb ghal danni li tikkaguna minhabba negligenza. Fis-sentenza **Fiorino d'Oro Co Ltd vs Direttur tat-Toroq** tas-17 ta' Frar 2006, il-Qorti tal-Appell osservat:-

*"Kull persuna – **u ghalhekk anke il-Gvern** – li tezercita jedd li jkun lilha jispetta ghandha tezercita dak il-jedd b'mod ragjonevoli u ghalhekk b'mod li, safejn hu possibbli, ma jikkagunax hsara lil terzi. Meta tali jedd ma jigix ezercitat b'mod ragjonevoli u per konsegwenza jikkaguna hsara lil terzi, allura l-ezercizzju ta' dak id-dritt ma jkunx "fil-qies li jmiss", bil-konsegwenza li min jezercita dak id-dritt b'dak il-mod ikollu jwiegeb ghall-hsara li tigri b'dak l-uzu proprju ghax dak l-uzu jkun iddegenera f'abbuz."*.

Dak il-kaz kien jitratta t-tlestija ta' triq u l-ilment tal-attrici kien li z-zmien sakemm tlestiet it-triq ma kienx ragonevoli. Il-qorti osservat li: *"Ir-"ragjonevolezza" taz-zmien hija*

---

[25] Ara Regolament 5(2) tal-Avviz Legali 102 tal-2002.
[26] Paragrafu 3 tad-dikjarazzjoni guramentata.

*kwistjoni ta' fatt li l-Qorti trid tasal ghaliha wara li tiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha."*.
Il-qorti ma tarax ghalfejn l-istess principju m'ghandux japplika wkoll ghal kazijiet bhal dan fejn l-Awtorita hi b'ligi[27] nkarigata bhala l-awtorita regolatrici biex tohrog licenzji skond ma jipprovdi l-Artikolu 3(3) tal-Att dwar il-Licenzji tal-Kummerc (Kap. 441).

L-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili jipprovdi: *"Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu."*, u l-Artikolu 1032(1) tal-Kodici Civili jipprovdi: *"Jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja."*.

Il-qorti tqies li wiehed kien ikun jista' jinvestiga l-agir tal-konvenuta taht dawn il-provvediment kieku kien hemm ir-rizultat finali, cjoe' l-licenzja tkun harget. Ma jezisti l-ebda jedd li wiehed jinghata bilfors licenzja ghal *nightclub*. Hi l-Awtorita li trid tipprocessa u tiddeciedi dwar l-applikazzjonijiet li jsirulha ghal licenzja ta' kummerc ghal nightclub. Hu evidenti li meta d-diretturi tal-attrici ghazlu li jaghlqu l-istabbiliment, ma baqghux isegwu l-applikazzjoni. F'dan ix-xenarju l-kwistjoni tad-dewmien titlef ir-rilevanza taghha, meta tqies li l-attrici qeghda tippretendi kumpens ghal telf ekonomiku fil-gestjoni tan-negozju. Kien ikun differenti x-xenarju li kieku l-attrici kompliet topera l-bar skond il-licenzja li nghatat u zmien wara nghatat licenzja ghal nightclub. F'dawk ic-cirkostanzi l-qorti setghet tikkunsidra jekk iz-zmien ghall-hrug tal-licenzja kienx wiehed ragonevoli u jekk l-attrici ghandix tircievi xi kumpens ghall-allegat telf ekonomiku li tippretendi. Ir-realta' hi li l-attrici liberament ghazlet tidhol ghal riskju ekonomiku li topera *nightclub* meta ma kellix licenzja, kif ukoll li tindaqq muzika amplifikata meta ma kellix permess. Fir-rigward ta' daqq ta' muzika, kien fl-interess tal-attrici li tiehu hsieb tara x'licenzji kellu l-fond qabel dahlet ghal dan in-negozju, jekk ghaliha d-daqq tal-muzika kien essenzjali. Ghaldaqstant, ghalkemm Salvino Bugeja qal li stabbiliment gewwa Paceville li ma jistax idoqq muzika amplifikata ma fih l-ebda valur, dan il-fatt

[27] Avviz Legali 102 tal-2002.

kellu jikkunsidrah qabel dahal ghan-negozju[28]. F'dawn ic-cirkostanzi l-azzjoni tal-attrici ma tistax tirnexxi. Dan apparti l-fatt li sal-gurnata li l-attrici ghalqet il-bibien tal-istabbiliment, li mill-atti jidher li kien ghal nofs Gunju 2003, u mehud in konsiderazzjoni li kienu ghadhom ma sarux regolamenti li jirregolaw l-operat ta' *nightclubs* u diskoteki, introdotti bl-Avviz Legali 175 tal-2004 li dahal fis-sehh fl-20 ta' April 2004, il-qorti ma thossx li tista' tasal ghal xi konkluzjoni li sa dak l-istadju kien hemm dewmien irragonevoli min-naha tal-Awtorita. Minn dak li fehemet il-qorti, dan is-settur kien ghadu m'huwiex regolat kif suppost permezz ta' regolamenti u l-qorti taccetta l-argument li ghamlet l-Awtorita li:-

*"Hawnhekk tajjeb li jigi rrimarkat li dan kien process delikat immens ghaliex kienu qed jigu diskussi emendi li kienu ser jeffettwaw l-operat ta' ghadd ta' stabbilimenti izda fl-istess hin id-drittijiet privati ta' hafna cittadini. Dan kollu kellu jsir ukoll f'konsultazzjoni mal-MEPA u l-istakeholders kollha novluti........"*[29].

**Ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sahha.**

**2. Tichad it-tieni eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija.**

**3. Tichad it-tielet eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija.**

**4. Tichad ir-raba' eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija.**

---

[28] Fl-affidavit xehed: "*Permessi fuq il-hanut kien hemm ghax qabel ma hadnih ahna kien jintuza bhala stabbiliment kummercjali iehor. Li kelna bzonn ingibu l-permess sabiex inkunu nistghu indoqqu l-muzika ghax wara kollox bar bla muzika, jibqa vojt min-nies. Is-sid kienet qaltilna li kellu permess ghal background music imma ahna ridna li l-permess ikun ghall-muzika amplikfikata.*". Kif diga' gie osservat, l-attrici ma pprezentatx il-licenzja tal-kummerc li kien hemm qabel sar il-*Management Agreement* tas-6 ta' Settembru 2001. Minn dan jidher li dwar il-muzika Bugeja qaghad biss fuq il-kelma tal-awtur. Atteggjament li jkompli jsahhah il-fehma tal-qorti kemm l-attrici dahlet ghal dan in-negozju minghajr verifiki serji li huma mehtiega meta wiehed jiddeciedi li jaghmel investiment bhal dak li jghid li ghamel Bugeja.

[29] Ara paragrafu 9.1 tan-nota ta' sottomissjonijiet prezentata fl-10 ta' April 2012.

**5. Tilqa’ s-sitt ecccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u tichad it-talbiet tal-attrici in kwantu dawn jirreferu ghal dan il-konvenut.**
**6. Tilqa’ l-hames eccezzjoni tad-Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sahha u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju.**
**7. Tichad l-ewwel eccezzjoni tac-Chairman tal-Awtorita Maltija ghat-Turizmu.**
**8. Tichad it-tieni eccezzjoni tac-Chairman tal-Awtorita Maltija ghat-Turizmu in kwantu din tirreferi ghall-hrug ta’ licenzji ghal *night clubs* gialadarba l-qorti waslet ghal konkluzjoni li l-Awtorita konvenuta nghatat id-dmir li tohrog licenzji ghal dawn l-istabbilimenti bis-sahha tal-Avviz Legali 102 tal-2002 li dahal fis-sehh fit-2 ta’ Mejju 2002, u tilqa’ l-istess in kwantu din tirreferi ghad-daqq ta’ muzika amplifikata f’bar.**
**9. Tichad it-talbiet tal-attrici fil-konfront tac-Chairman tal-Awtorita Maltija ghat-Turizmu.**

**Spejjez a karigu tal-attrici, b’dan li l-ispejjez relatati mal-eccezzjonijiet li gew michuda ghandha taghmel tajjeb ghalihom dik il-parti li tat l-eccezzjoni. Tawtorizza lic-Chairman tal-Awtorita Maltija ghat-Turizmu biex jirtira mill-atti l-file tal-Awtorita numru BAR 39/2002 wara li s-sentenza ssir gudikat.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------